MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Numru 574/2005

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

Roderick Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 81284m, akkuzat:

1. talli fi Triq Xintill, gewwa Hal Tarxien, fil-lejl ta' bejn il-27 u it -28 ta' Mejju 2005, ghall-habta ta' 00.45 ta' bil-lejl, dolozament bil-hsieb li jikkaguna ferita ta'natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Xerri minn Haz-Zabbar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi hebb ghalih permezz ta' arma li taqta u bil-ponta (sikkina), liema delitt ma' giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti

mill-volonta' tieghu u dana ai termini tal-Artikoli 41, 214 u 216 (1)(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq Xintill, gewwa Hal Tarxien volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Mario Xerri u Justine Mercieca, skond kif iccertifikat minn Dr. M. Caruana M.D. mic-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, hebb ghal Mario Xerri minn Haz-Zabbar u Justine Mercieca minn Hal Tarxien, sabiex jingurjahom, idejjaqhom u jaghmillhom hsara u dana bi ksur tal-Artiklu 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, hedded lil Mario Xerri minn Haz-Zabbar u Justine Mercieca minn Hal Tarxien, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) u dana bi ksur tal-Artiklu 339 (l)(e)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-Artiklu 338 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur tal Artiklu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma taqta' u bil-ponta minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur tal-Artiklu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ordinanza dwar l-Armi.
8. talli fl-istess cirkostanzi sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda wahda mill-akkuzi dedotti kontra l-imputat. Dawn inhargu konsegwenza ta' argument li kienet irrapurtat l-gharusa tal-imputat, liema argument kien jikkonsisti filli l-imputat imbotta lil terzi u dan imbuttah lura. L-ebda xhud, l-anqas il-persuna li mieghu l-imputat kellu l-argument ma kkonferma u sostna l-akkuzi dedotti kontra l-imputat.

Ghaldaqstant, issib l-imputat mhux hati u tilliberah.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------